# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2017**

**Numru: 1**

**Rikors Numru: 570/06 AL**

**Frances Bergedahl a nom u in rapprezentenza tas-soċjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited, numru ta' reġistrazzjoni C 453**

**v.**

**Dun Nicholas sive Colin Apap**

**Il-Qorti;**

Rat li din is-sentenza tallum hija straxxitu tas-sentenza preliminari li tat din il-Qorti f'din il-kawza fil-25 ta' Novembru, 2016. Is-soċjeta` attriċi allegat li l-konvenut kien moruż fil-ħlas taċ-ċens, u talbet il-ħlas taċ-ċens u x-xoljiment tal-konċessjoni enfitewtika. Din il-Qorti sabet li verament kien hemm morożita` fil-ħlas taċ-ċens, iżda akkordat lill-konvenut il-*purgazione della mora* fis-sens li ġej:

> "*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu kwantu ghat-talbiet tieghu fl-ewwel tlett aggravji izda tilqghu fir-rigward ghat-talba tieghu li jinghata l-opportunita` jhallas l-ammonti kollha reklamati mill-appellatau kif deciz fis-sentenza appellata u ghal dan il-ghan takkordalu terminu ta' xahrejn.*

> *"Il-Qorti tiddiferixxi l-appell ghas-27 ta' Jannar 2017 ghall-informazzjoni dwar il-hlas dovut.*"

Fl-udjenza quddiem din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 2017, ġie verbalizzat mid-difensuri tas-soċjeta` attriċi li l-konvenut ħallas iċ-ċens dovut fit-terminu previst mill-Qorti.

Jirriżulta għalhekk, li m'għadx hemm lok għax-xoljiment tal-konċessjoni enfitewtika peress li l-konvenut ċenswalist ottempera ruħu mat-termini tad-deċiżjoni preċedenti ta' din il-Qorti.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn din ordnat ix-xoljiment tal-konċessjoni enfitewtika u r-radd lura tal-fond f'idejn is-soċjeta` attriċi, u minflok tiċħad dawn it-talbiet relattivi, b'dan li, fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df